# IT-TRINITÀ FIT-TESTMENT IL-ĠDID

1. **Mattew 28:18** – "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom **fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu**."
   - Temmen int li hemm lit-**TLIETA HUMA NDAQS HAWN** – **IVA** – **LE**
2. **Ġwanni 14:14-17, 26** – "Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi. U **jiena** nitlob lill-**Missier**, u hu jagħtikom **Difensur** <u>**ieħor**</u> biex jibqa' dejjem magħkom, **l-Ispirtu** tal-verità…Imma d-Difensur, **l-Ispirtu s-Santu**, li l-**Missier** jibgħat **f'ismi**, igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom."
   - Temmen int li hemm lit-**TLIETA QEGĦDIN JAĦDMU FLIMKIEN** – **IVA** – **LE**
   - Li l-kelma "IEĦOR" fil-Grieg, *allos* u mhux *heteros* tfisser ieħor bħalu eżatt – **IVA** – **LE**
3. **1 Korintin 12:4-6** – "Hemm imbagħad diversi doni, imma **wieħed hu l-Ispirtu**; hemm diversi ministeri, imma l-istess **wieħed hu l-Mulej**; hemm diversi ħidmiet, imma l-istess **Alla**, li jaħdem kollox f'kulħadd."
   - Temmen int li hemm lit-**TLIETA HUMA NDAQS HAWN** – **IVA** – **LE**
4. **2 Korintin 13:14** – "Il-grazzja ta' **Sidna Ġesù Kristu**, l-imħabba ta' **Alla** u l-għaqda fl-**Ispirtu s-Santu** jkunu magħkom ilkoll."
5. **Efesin 4:4-7** – "Hemm ġisem wieħed, u **Spirtu wieħed**, bħal ma kontu msejħin f'tama waħda tas-sejħa tagħkom: **Mulej wieħed**, fidi waħda magħmudija waħda, **Alla** wieħed u **Missier** kulħadd, li hu fuq kulħadd, u f'kulħadd, u ġo fikom ilkoll."
6. **Lhud 9:8, 14** – "B'dan l-**Ispirtu s-Santu jagħmilha ċar** illi t-triq li tieħu għas-santwarju kienet għadha ma hix miftuħa sakemm għad hemm wieqfa l-ewwel tinda…kemm aktar id-demm ta' **Kristu**, li bl-**Ispirtu** ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma safja lil **Alla**, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għamil mejjet biex taqdu lil **Alla ħaj**!"
7. **1 Pietru 1:2** – "Maħturin skond il-għarfa minn qabel ta' **Alla l-Missier**, bit-taqdis ta' **l-Ispirtu**, biex jisimgħu minn **Ġesù Kristu**, u jitraxxu b'demmu: Grazzja lilkom, u sliem bil-kotra."
8. **Ġuda 20-21** – "Imma intom, maħbubin, mibnijin fuq il-fidi l-aktar qaddisa tagħkom, billi titolbu **fl-Ispirtu s-Santu**. Żommu ruħkom fl-

imħabba **t'Alla**, waqt li tistennew il-ħniena ta' **Sidna Ġesù Kristu**, għall-ħajja ta' dejjem."

- Temmen int li hemm li f'dawn l-Iskritturi kollha t-**TLIETA HUMA NDAQS – IVA – LE**

0. **Rivelazzjoni 4:8** "U l-erba' ħlejjaq ħajjin, kull waħda minnhom b'sitt ġwienaħ, rajthom kollhom għajnejhn, kemm madwarhom u kemm minn ġewwa, lejl u nhar ma jieqfu qatt ntennu: **"Qaddis, Qaddis, Qaddis il-Mulej, Alla li jista' kollox, li kien, u li hu, u li ġej**." (Ara **Atti 1:11; Isaija 6:2-3**).

- QADDIS – **Il-Missier** – Ġwanni 17:11; Rivelazzjoni 15:4.
- Temmen li **l-Missier Hu QADDIS? – IVA – LE**
- QADDIS – **Ġesù Kristu** – Mark 1:24; Atti 3:13-14.
- Temmen li **Ġesù Kristu Hu QADDIS? – IVA – LE**
- QADDIS – **Spirtu s-Santu** – Ġwanni 14:26
- Temmen li **l-Ispirtu s-Santu** Hu **QADDIS? – IVA – LE**
- Temmen lit-**TLIETA HUMA NDAQS – IVA – LE**
- Temmen int li din hija t-Trinità **MQADDSA! – IVA – LE**

## HU SIDNA ĠESÙ KRISTU ALLA LI JISTA' KOLLOX?

Ara jekk int taqbilx jew ma taqbilx ma' dan li ġej: Sempliċiment wieġeb għal kull waħda **IVA** jew **LE**.

**Titu 1:3** – "...**Alla Salvatur** tagħna."

- Min hu dan is-**Salvatur**? Ċertament li "Alla"!
- Taqbel int?
- Hekk igħid dan il-vers – **IVA - LE**

**Titu 1:4** – "...Alla l-Missier u Sidna **Ġesù Kristu s-Salvatur** tagħna."

- Min hu dan is-**Salvutur** imsemmi hawn? Ċertament li huwa "**Sidna Ġesù Kristu**."
- Taqbel int?
- Hekk igħid dan il-vers – **IVA - LE**
- Kemm il-Salvatur hemm, wieħed jew tnejn?
- **WIEĦED - TNEJN**

**Titu 2:10** -- "...ta' **Alla, is-Salvatur** tagħna."

- Min hu dan is-**Salvatur**? Alla jew Kristu? Ċertament li **Alla**.
- Taqbel int?

- Hekk igħid dan il-vers – **IVA - LE**
  (ara wkoll **1 Timotju 2:3**).

**Titu 2:13** – "Nistennew dik it-tama mbierka, u d-dehra glorjuża **t'Alla l-kbir u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu**."

- Min hu hawn imsejjah "**Alla l-kbir u s-Salvatur**" hawn? Ċertament li huwa **Ġesù Kristu**.
- Taqbel int?
- Hekk igħid dan il-vers – **IVA - LE**

**Titu 3:4** – "...**t'Alla s-Salvatur** tagħna..."

- Min hu dan **is-Salvatur**? Ċertament li huwa "**Alla**."
- Taqbel int?
- Hekk igħid dan il-vers – **IVA – LE**

**Titu 3:6** – "...B'**Ġesù Kristu s-Salvatur** tagħna."

- U min hu dan is-**Salvatur**? U kemm il-Salvatur hemm? Wieħed jew tnejn?
- Taqbel int li dan huwa "**Ġesù Kristu**"?
- Hekk igħid dan il-vers – **IVA - LE**

**Isaija 43:10-11** – "***Jien, iva jien, jien YHWH: U GĦAJRI M'HEMMX SALVATUR.***"

- Taqbel int li skond Isaija hemm biss **SALVATUR WIEĦED, JHWH**?
- Hekk igħidu dawn il-versi – **IVA - LE**

Taqbel int li f'dawn l-Iskritturi kemm Alla l-Missier kif ukoll Sidna Ġesù Kristu huma msejħa "**Salvatur**"? u mhux "salvaturi"! U dan ifisser li hemm biss **Salvatur WIEĦED**!

- **Taqbel int li kemm ALLA U KEMM KRISTU HUMA MSEJĦA SALVATUR**!
- L-Iskritturi li għadna kif rajna hekk isejħulhom? **IVA – LE**
- Taqbel int li jekk Kristu mhuwiex **YHWH** allura Hu xi Salvatur falz billi għajr YHWH **m'hemmx Salvatur ieħor**? **IVA – LE**

Dawk li ma jemmnux li Ġesù Kristu Hu tassew Alla li Jista' Kollox u li jgħallmu li Hu "maħluq," *kreatura*, iħobbu jikkwotaw Skritturi bħal Mark 13:32; Ġwanni 14:28; 20:17; Rumani 15:6; 1 Korintin 15:24; 2 Korintin 1:3 u oħrajn li kollha juru lil Ġesù Kristu bħala bniedem.

Imma l-problema hija li ċerti Skritturi oħra li juru ċar li Ġesù Kristu Hu tassew Alla li jista' Kollox qatt jew ftit li xejn ma jkunu kkwotati, u meta

jkunu kkwotati, magħhom ikun hemm paragrafi sħaħ ta' interpretazzjoni personali! Bħala eżempju, meta Ġwanni 14:28 ikun ikkwotat, jiġifieri, "Missieri **akbar** minni" dan il-vers huwa aċċettat mill-ewwel bħala li qiegħed juri li Kristu ma jistax ikun Alla. Imma, kif fl-istess nifs xi ħadd jikkwota Ġwanni 10:30, jiġifieri, "Jiena u Missieri **ħaġa waħda aħna**" ma' dan il-vers tiżdied ruxxmata ta' interpretazzjonijiet, ukoll għalkemm vers 33 jagħti l-interpretazzjoni eżatta hu! Staqsi lilek innifsek jekk dan għaddejtx minnu int jew le! Staqsi lilek innifsek jekk int, li ma temminx li Sidna Ġesù Kristu Hu tassew Alla li Jista' Kollox, tagħmilx hekk ukoll meta tipprova tkellem jew tgħallem lil xi ħadd fuq dan is-suġġett!

Stqarrijiet bħal dawk li naqraw dwarhom f'Mark 13:32 u Ġwanni 14:28 u oħrajn għandhom isibu t-tifsira tagħhom f'Filippin 2:6-8. Jekk aħna nħallu l-Iskrittura tinterpretalna hi, allura nkunu nafu sewwa dak li l-Ispirtu s-Santu jrid li aħna nkunu nafu dwar il-Kelma Tiegħu.

*"Ħa jkollkom fikom dan il-ħsieb, li kien fi Kristu Ġesù: li, għalkemm kien f'forma (Grieg, morphe) ta' Alla ma qishiex bħala ħaġa misruqa* ***li jkun daqs Alla****: Iżda* ***xejjen*** *(battal)* ***lilu nnifsu*** *u ħa fuqu l-forma ta' qaddej,* ***u kien magħmul fix-xbieħa tal-bniedem****. U wara li* ***minn barra nstab bħala bniedem****, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib"* **(Filippin 2:5-8).**

## Issa wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet b'sempliċiment IVA jew LE. Iżżid ebda interpretazzjoni ta' xi ħadd! IVA jew LE biss. Ebda "imma" jew "għax", eċċ.! IVA jew LE biss.

9. **Atti 20:38** – "Ħarsu lilkom infuskom mela, u l-merħla kollha, li fuqha **l-Ispirtu s-Santu** għamilkom għassiesa, biex tirgħaw il-knisja **T'ALLA**, LI <u>**HU**</u> XTARA **B'DEMMU** STESS."
   - Temmen int li kien **ALLA** li xtara l-knisja b'DEMMU STESS?
   - Hekk igħid dan il-vers: **IVA – LE**
9. **Ġwanni1:18** – "'L Alla qatt ma rah ħadd: il-waħdieni, **li hu Alla**, li hu fi ħdan il-Missier, hu għarrafhulna" (Bibbja Saydon).
   - Temmen int li "l-Waħdieni" Hu Ġesù Kristu u **li HU ALLA**?
   - Hekk igħid dan il-vers: **IVA – LE**
9. **1 Timotju 3:15-16** – "Imma biex, jekk indum ma niġi, tkun taf kif wieħed għandu jġib ruħu fid-dar ta' **Alla**, li hi l-knisja ta' **Alla** ħaj, kolonna u pedament tal-verità. Bla ebda dubju, kbir hu l-misteru tar-reliġjon tagħna: **Hu deher fil-ġisem**, kien iġġustifikat bl-Ispirtu …"
   - Min huwa l-"<u>**Hu**</u>" li deher fil-ġisem? Kristu.
   - Temmen int li kien **Alla ħaj** li "**Hu deher fil-ġisem**"?

- Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA – LE**

9. **Filippin 2:6** – “Li, għalkemm kien f'forma **T'ALLA**, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun **DAQS ALLA**."
   - Min jista’ jkun **DAQS ALLA? ĦADD!**
   - Temmen int li Kristu **HU DAQS ALLA**?
   - Hekk igħid dan il-vers: **IVA – LE**

9. **Mattew 1:23** – "Ara, xebba titqal, u tlied iben, u jsemmuh Emmanuwel, **li jfisser**, **ALLA MAGĦNA**."
   - “Li jfisser.” Hawn għandna t-tifsira lesta.
   - Temmen int li Kristu Hu “**ALLA MAGĦNA**”?
   - Hekk igħid dan il-vers: **IVA – LE**

9. **Isaija 9:6** – "Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben: u s-setgħa tkun fuq spallejh, u jissemma ismu Kunsillier tal-Għaġeb, **ALLA QAWWI**, MISSIER GĦAL DEJJEM, Prinċep tal-Paċi."
   - Sidna Ġesù Kristu huwa msejjaħ *’El Gib-bohr* **l-istess** kif huwa msejjaħ *’El Gib-bohr* ALLA LI JISTA’ KOLLOX!
   - Taqbel int li “ALLA QAWWI” hawn huwa Sidna Ġesù Kristu?
   - Hekk igħid dan il-vers: **IVA – LE**
   - **Isaija 10:21** – “Bqija tarġa’ tiġi, il-bqija ta’ Ġakobb, lejn **ALLA L-QAWWI**.”
   - **Ġeremija 32:18** – “Int turi tjieba ma’ eluf, u tħallas il-ħażen tal-missirijiet fi ħdan uliedhom warajhom: int ALLA L-KBIR, **ALLA L-QAWWI**, li ismu hu l-Mulej ta’ l-eżerċti.”
   - Il-kelma Lhudija f’dawn it-tliet Skritturi għal **“ALLA L-QAWWI”** hija l-istess, jiġifieri, *’El Gib-bohr.*
   - Taqbel int ma’ dan?
   - Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA – LE**

9. **Ġwanni 20:28** – "U Tumas wieġeb u qallu: Mulejja, u ’l **ALLA** tiegħi."
   - Min hu, skond l-Iskrittura kkwotata hawn b’ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, msejjah ’l **ALLA** ta’ Tumas?
   - Sidna Ġesù Kristu. Taqbel int ma’ dan?
   - Hekk igħid dan il-vers: **IVA – LE**
   - Lest int li ssejjaħ lil Kristu kif sejjaħlu l-appostlu Tumas, “Mulejja, u ’l **ALLA** tiegħi"? **IVA – LE**

9. **Rumani 9:5** – "Li tagħhom huma l-patrijarki, li minnhom skond il-ġisem, ġie KRISTU, **<u>LI HU</u>** FUQ KOLLOX, **ALLA MBIEREK GĦAL DEJEM AMEN**."

- Huwa għalik, Kristu LI HU FUQ KOLLOX, ALLA MBIEREK GĦAL DEJJEM."
- **"AMEN."**
- Hekk igħid dan il-vers: **IVA** – **LE**

10. **Lhud 1:8** – "Imma għall-Iben qal: It-tron tiegħek, **O ALLA**..."
    - ALLA, l-Missier, sejjaħ lil Kristu "**O ALLA**."
    - Taċċettah int lil Kristu bħala "O ALLA"?
    - Hekk igħid dan il-vers: **IVA** – **LE**
    - Jew il-Missier kien żbaljat meta sejjaħlu hekk, jiġifieri, "O ALLA"!
11. **Mattew 28:19** – "Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom **FL-ISEM** TAL-**MISSIER** U TA' **L-IBEN** U TA' **L-ISPIRTU S-SANTU**."
    - **Il-Missier** għandu ISEM.
    - **L-Iben** għandu ISEM.
    - **L-Ispirtu s-Santu** għandu ISEM.
    - **U t-TLIETA għandhom l-ISTESS ISEM!**
    - Il-kelma "isem" hawn fl-oriġinal hija SINGULARI.
    - Taqbel int li t-TLIETA HUMA NDAQS?
    - Hekk igħid dan il-vers: **IVA** – **LE**
12. **Ġwanni 8:24** – "...għax jekk ma temmnux li **JIEN HU**, tmutu fi dnubietkom."
    - Min huwa "HU"?
    - "**<u>ALLA</u>**, LI **<u>HU</u>** XTARA B'DEMMU STESS." (Atti 20:28).
    - **"ALLA L-QAWWI"** (Isaija 9:6; 10:21; Ġeremija 32:18).
    - Emmanuwel, **ALLA magħna** (Mattew 1:23).
    - "**ALLA MBIEREK GĦAL DEJEM AMEN**." (Rumani 9:5).
    - "**O ALLA**." (Lhud 1:8).
    - *'El Gib-bohr* ALLA LI JISTA' KOLLOX! (Isaija 9:6).
    - Taqbel int ma' dawn?
    - Hekk tgħid l-Iskrittura Mqaddsa: **IVA** – **LE**
13. **Ġwanni 10:30** – "Jiena u Missieri **ħaġa waħda aħna**."
    - Xi jfisser dan?
    - **Ġwanni 10:33** – "Il-Lhud wiġbuh, billi qalu: Għal xi egħmil tajjeb ma nħaġġrukx: iżda għad-dagħwa; u **għax int, bniedem**, **TAGĦMEL LILEK INNIFSEK ALLA**."
    - Agħmel Kristu Lilu Nnifsu **ALLA**?

- IVA! Kieku le, x'kien l-iskop li l-Lhud riedu jħaġġruh? U x'kienet id-dagħwa skond il-Lhud?
- Taqbel int ma' dan?
- Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA – LE**

14. **Ġwanni 14:9** – Temmen int li min ra lil Ġesù ra 'l Missier?
    - Hekk igħid dan il-vers: **IVA – LE**
20. **Titu 2:13** – Temmen int li aħna qegħdin nistennew "dik it-tama mbierka, u d-dehra glorjuża **T'ALLA L-KBIR U S-SALVATUR TAGĦNA ĠESÙ KRISTU**"
    - Hekk igħid dan il-vers: **IVA – LE**
20. **Rivelazzjoni 1:17, 18; 2:8; 22:12-16** – Temmen int li Kristu Hu L-EWWEL U L-AĦĦAR, L-ALFA U L-OMEGA?
    - Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA – LE**
    - Imma **Isaija 414; 44:6; 48:12** igħidu li **ALLA** Hu!
20. **Isaija 40:3** – Temmen int li Isaija jgħid "…Hejju fid-deżert triq għal **JAHWEH**…" waqt li **Mattew 3:3** u **Mark 1:3** jgħidu li Isaija tkellem fuq **Ġesù Kristu u b'hekk Kristu Hu msejjaħ JAHWEH**?
    - Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA – LE**
    - **Tħallatx xi interpretazzjoni tal-bnedmin!**
20. **Mikea** 5:2; **Isaija 9:6**; **Ġwanni 8:58** – Temmen int li Kristu Hu "**mill-eternità**" u mhux maħluq? Nikkwota Mikea 5:2 mis-SEPTUAGINT bl-Ingliż: "*And thou Betlehem, house of Ephratha, art few in number to be reckoned among the thousands of Juda; yet out of thee shall one come froth to me, to be a ruler of Israel;* ***and his going forth were from the beginning, EVEN FROM ETERNITY***" (enfasi tiegħi).
    - Hu Kristu MILL-ETERNITÀ?
    - Hekk igħid dan il-vers: Temmnu dan int? **IVA – LE**
    - Għat-twettieq ta' din il-profezija ara **Mattew 2:5-6**.
20. **Mattew 18:20; 28:20; Efesin 3:17; 4:10** – Temmen int li **Kristu Hu OMNIPREŻENTI**, jiġifieri, li jinsab kullimkien, li huwa attribut ta' **ALLA WAĦDU (Salm 139:7-12; Proverbji 15:3**)?
    - Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA – LE**
20. **Mattew 11:27**; **Luqa 5:4-6**; **Ġwanni 2:25**; **16:30**; **21:17**; **Atti 1: 24** – Temmen int li **Kristu** Hu **OMNIXJENTI**, jiġifieri, li jagħraf kollox, li huwa attribut ta' **ALLA WAĦDU** (**1 Slaten 8:39**; **Ġere-mija 17:9, 10, 16**)?
    - Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA – LE**

20. **Mattew 28:18**; **Mark 1:29-34**; **Ġwanni 10:48**; **Ġuda 24** – Temmen int li Kristu Hu **OMNIPOTENTI**, jiġifieri, li jista' kollox, li huwa attribut ta' **ALLA WAĦDU** (**Isaija 40:10-31**; **45:5-13, 18**)?

- Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA – LE**

20. **Ġwanni 1:1** – "*Fil-bidu kienet il-Kelma, (Logos) u l-Kelma (Logos) kienet ma' Alla, u l-Kelma (Logos) KIENET ALLA.*"

- Lest int li taċċetta li "*l-Kelma (Logos)* ***KIENET ALLA****.*"
- Hekk igħid dan il-vers: **IVA – LE**
- U jekk skond **1 Timotju 2:5** "hemm **ALLA WIEĦED**" biss lest int li taċċetta li Sidna Ġesù Kristu HU TASSEW ALLA LI JISTA' KOLLOX? – **IVA – LE**
- Jekk it-tweġiba tiegħek hija LE, mela Sidna Ġesù Kristu HU **ALLA FALZ**! M'hemmx triq oħra!

20. **Luqa 8:38-39** – "*...Iżda Ġesù bagħtu billi qallu: Arġa' mur darek, u xandar kemm ħwejjeġ kbar għamillek* ***ALLA****, U dak telaq, u xandar mal-belt kollha kemm ħwejjeġ għamillu ĠESÙ.*"

- **Lest int li taċċetta li Ġesù Nnifsu sejjaħ Lilu Nnifsu ALLA?**
- Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA – LE**
- Lest int li taċċetta dak li jintqal f'dawn il-versi mingħajr **ebda** interpretazzjoni jew xi "imma" jew xi "għax" ta' xi ħadd?: **IVA – LE**

20. **Ġwanni 5:23** – "*Biex il-bnedmin kollha JAGĦTU ĠIEĦ LILL-IBEN* ***BĦALMA JAGĦTU*** *LILL-MISSIER.*"

- Hemm xi differenza ta' grad bejn il-MISSIER u l-IBEN hawn?
- **IVA – LE**

20. **Mark 10:17-18** – "*...Mgħallem tajjeb, x'nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem? u ĠESÙ qallu: Għax tgħidli TAJJEB? M'HEMM ĦADD TAJJEB* ***GĦAJR WIEĦED, ALLA****.*"

- Ifisser dan li ĠESÙ MHUWIEX TAJJEB? **IVA – LE**
- Taqbel int li ĠESÙ HU TAJJEB? **IVA – LE**
- Taqbel int li jekk ĠESÙ ma jkunx ALLA LI JISTA' KOLLOX HU għandu **MA JKUNX TAJJEB** GĦAX "*M'HEMM ĦADD TAJJEB* ***GĦAJR WIEĦED ALLA***" u ma jistax ikun hemm **TNEJN!**
- Taqbel int ma' dan: **IVA – LE**
- Jekk għad għandek xi dubju, isma xi jgħid il-Mulej Dwaru Innifsu: "**JIEN HU R-RAGĦAJ IT-TAJJEB**" (**Ġwanni 10:11, 14**).
- **Salm 23:1** – "**YHWH HU** R-RAGĦAJ tiegħi:..."

- Ragħaj WIEĦED hemm u mhux tnejn għax hemm biss MERĦLA WAĦDA (ara **Ġwanni 10:16**).
- Temmen int li ĠESÙ u YHWH **huma l-istess** inkella l-Kelma ta' Alla tikkontradixxi lilha nfisha! – **IVA** – **LE**

**20. Salm 27:1** – "YHWH <u>HU</u> D-DAWL…"

- Temmen int li YHWH **HU D-DAWL?** – **IVA** – **LE**

**Ġwanni 8:12** – "*Imbagħad ĠESÙ raġa' kellimhom, billi qal:* ***JIENA HU D-DAWL TAD-DINJA****…*"

- Temmen int li **ĠESÙ HU D-DAWL?** – **IVA** – **LE**

**1 Ġwanni 1:5** – "*…ALLA HU DAWL.*"

- Kemm il-xorta ta' DAWL JISTA' JKUN HEMM?
- YHWH = DAWL (Salm 27:1)
- ĠESÙ = DAWL (Ġwanni 8:12
- ALLA = DAWL (1 Ġwanni 1:5)
- Taqbel int lit-TLIETA huma L-ISTESS, INDAQS? – **IVA** – **LE**

## L-ISPIRTU S-SANTU

**Huwa l-Ispirtu s-Santu PERSUNA jew sempliċiment "qawwa" kif jippruvaw igħallmu xi wħud? Wieġeb int b'sempliċiment IVA jew LE għal mistoqsijiet li ġejjin. Tħalli l-ebda "imma" jew "għax" jew xi interpretazzjoni tal-bnedmin li jkunu miżjuda ma' l-IVA jew il-LE tiegħek.**

### L-Ispirtu s-Santu Hu Alla

1. **Mattew 28:19** – "Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom **FL-ISEM** TAL-**MISSIER** U TA' **L-IBEN** U TA' **L-ISPIRTU** S-SANTU."
    - **Il-Missier** għandu ISEM.
    - **L-Iben** għandu ISEM.
    - **L-ISPIRTU S-SANTU għandu ISEM**.
    - **U t-TLIETA għandhom l-ISTESS ISEM!**
    - Il-kelma "isem" hawn fl-oriġinal hija SINGULARI.
    - Taqbel int li t-TLIETA HUMA NDAQS?
    - Hekk igħid dan il-vers: **IVA** – **LE**
2. **Atti 5:3-4** – "*Iżda Pietru qal: Ħananija, għaliex imlielek qalbek ix-xitan* ***biex tigdeb lill-Ispirtu s-Santu****…* ***Mhux lill-bnedmin gdibt, imma'L ALLA****.*"
    - Taqbel int li hawn l-ISPIRTU S-SANTU U **MSEJJAĦ ALLA**?
    - Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA** – **LE**

- Taqbel int li lil l-ISPIRTU S-SANTU tista’ **TIGDIBLU** imma dan ma tistax tagħmlu lil sempliċiment QAWWA?
- Hekk igħidu dawn il-versi: **IVA** – **LE**

6. **Ġwanni 14:16-17, 26** – “U jien (Kristu) nitlob ’il Missier, u hu jagħtikom **AVUKAT IEĦOR**, biex jiqa’ magħkom għal dejjem. Li hu l-Ispirtu tal-verità…Imma **L-AVUKAT**, li hu l-ISPIRTU S-SANTU, li l-Missier jibgħat f’ismi, HU JGĦALLIMKOM kollox, u JFAKKARKOM kulma għidtilkom.”
   - Temmen int li **AVUKAT** jista’ jkun sempliċiment “qawwa”? **IVA – LE**
   - Temmen int li L-ISPIRTU S-SANTU HU **AVUKAT**.
   - Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA** – **LE**
   - Għandu **AVUKAT** inkun PERSUNA? **IVA** – **LE**
   - Taqbel int li trid tkun **PESUNA** biex ikollok il-kapaċità li **TGĦALLEM** u **TFAKKAR** il-kliem kollu ta’ Ġesù Kristu?
   - Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA** – **LE**

6. **Ġwanni 15:26-27** – “*Imma meta jiġi l-AVUKAT, li jiena nibgħati-lkom minn għandu il-Missier, l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier, HU JIXHED għalija.*”
   - Taqbel int li Biex wieħed ikun AVUKAT u jkun jista’ JIXHED għandu jkun PERSUNA?
   - Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA** – **LE**

6. **Ġwanni 16:7-8** – “…*U meta jiġi **HU** (l-AVUKAT, vers 7), **JURI** li d-dinja għandha ħtija għad-dnub, għall-ħaqq, u għall-kundanna.*”
   - Taqbel int li trid tkun PERSUNA biex tkun **AVUKAT** u tkun tista’ **TURI**?
   - Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA** – **LE**
   - **Ġesù u l-Ispirtu s-Santu huma msejħin “AVUKAT” (Ġwanni 16:7-8; 1 Ġwanni 2:1)**
   - Taqbel int li Ġesù **Hu Persuna** ghax Hu “AVUKAT”? **IVA** – **LE**
   - Taqbel int li l-Ispirtu s-Santu **Hu Persuna** għax Hu “AVUKAT”? **IVA** – **LE**

6. **Ġwanni 16:13-15** – “*Imma meta jiġi HU, L-ISPIRTU tal-verità, JIGGWIDAKOM fil-verità kollha: għax HU ma JITKELLIMX min-nu NNIFSU; iżda dak kollu li JISMA’, dak IGĦID HU: u JGĦAR-RFILKOM x’għandu jiġi. HU JIGGLORIFIKANI: għax JIEĦU minn tiegħi, u JGĦARRAFHULKOM. Kulma għandu l-Missier hu tiegħi. Għalhekk għidt: JIEĦU minn tiegħi, u JGĦARRAFHUL-KOM.*”

- Il-pronom **HU** temmen int li japplika għal l-Ispirtu s-Santu hawn u li dak il-pronom **japplika biss għall-PERSUNA?**
- Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA – LE**
- Biex xi ħadd ikun jista' **JIGGWIDAKOM**, **JITKELLEM**, **JISMA', IGĦID HU, JGĦARRFILKOM**, **JIGGLORIFIKA**, **JIEĦU**, għandu dan ikun **PERSUNA**?
- Dawn il-versi hekk igħidu li hu, L-ISPIRTU S-SANTU jagħmel: **IVA – LE**

6. **L-ISPIRTU S-SANTU** huwa kkwotat bħala qiegħed **JITKELLEM**: Aqra: Ġwanni 16:13; Atti 1:16; 8:29; 10:19; 11: 12; 13:2; 16:6; 20:23; 21:11; 28:25-27; 1 Timotju 4:1; Lhud 3:7-11; 10:15-17; 1 Pietru 1:11; Rivelazzjoni 2:7, 11, 17, 29; 3:6, 13, 22
   - Temmen int li PERSUNA u mhux "qawwa" tista' TITKELLEM?
   - Dawn il-versi kollha hekk igħidu li jagħmel L-ISPIRTU S-SANTU: **IVA – LE**

6. **Atti 5:3** – "*Iżda Pietru qal: Ħananija, għaliex imlielek qalbek ix-xitan biex**TIGDEB** lill-**Ispirtu s-Santu**.*"
   - Temmen int li ma tistax tigdeb lir-riħ jew lil xi qawwa?

6. **Atti 8:29, 39** – "Imbagħad l-Ispirtu **QAL** lil Filippu: "Mur u ersaq maġenb karru….Malli telgħu mill-ilma, L-ISPIRTU tal-Mulej **ĦATAF** lil Filippu…"
   - Temmen int li trid tkun PERSUNA biex **TGĦID** u **TAĦTAF**?
   - Dawn il-versi hekk igħidu li għamel l-ISPIRTU S-SANTU: **IVA – LE**

6. **Atti 13:2, 4** – "*Huma u jagħtu qima lill-Mulej, u jsumu, **QAL** L-ISPIRTU S-SANTU: **IFIRDULI** 'l Barnaba u 'l Sawl għax-xogħol li għalih SEJJAĦTILHOM…Għalhekk huma, billi kienu **MIBGĦUTIN MILL-ISPIRTU S-SANTU**, telqu għal Selewkija…*"
   - "***QAL***", min jista' jgħid?
   - Temmen int li PERSUNA tista' TGĦID? **IVA – LE**
   - Kien L-ISPIRTU S-SANTU LI "**QAL**"?
   - Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA – LE**
   - Temmen int li biex tagħti ordni ta' **IFIRDULI** trid tkun PERSUNA?: **IVA – LE**
   - Temmen int li biex xi ħadd **JIBAGĦT** lil xi ħadd ieħor dan għandu jkun PERSUNA? – **IVA – LE**
   - Temmen int li dawk fil-knisja f'Antijokija obdew lil sempliċi-ment "qawwa"? – **IVA – LE**

6. **Atti 15:28** – "Għax lill-ISPIRTU S-SANTU U LILNA, **DEHRILNA** sewwa, li m'għandniex ngħabbukom b'tagħbija akbar minn dawn il-ħwejjeġ li jinħtieġu."

- Temmen int li "DEHRILNA" tapplika GĦALL-PERSUNI?
- **IVA – LE**
- Jekk l-Ispirtu s-Santu hu sempliċiment "qawwa" allura "lilna," jiġifieri, l-appostli, huma sempliċiment qawwa wkoll?
- Taqbel int ma' dan? **IVA – LE**

6. **Rumani 8:26-27** – "*Hekk ukoll L-ISPIRTU S-SANTU **JGĦIN** id-dgħufijiet tagħna: għax aħna ma nafux x'nitolbu kif jinħtieġ; iżda L-ISPIRTU STESS **JITLOB** GĦALINA BI **TNEHID** li ma jistax jingħad. U dak li jgħarbel il-qlub jaf x'inhi l-FEHMA ta' l-Ispirtu, għax **jitlob** għall-qaddisin skond ir-rieda t'Alla.*"

- Temmen int li l-ISPIRTU S-SANTU **JGĦIN**?
- Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA – LE**
- Temmen int li l-ISPIRTU S-SANTU **JITLOB** għalina?
- Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA – LE**
- Temmen int li l-ISPIRTU S-SANTU għandu **FEHMA**?
- Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA – LE**
- Temmen int li trid tkun PERSUNA biex TGĦIN, TITLOB U jkollok FEHMA?
- Dawn il-versi hekk igħidu: **IVA – LE**

6. **1 Korintin 12:11** – "*l-Ispirtu **JQASSAM KIF IRID** Hu.*"

- Temmen int li sempliċiment "qawwa" tista' **TQASSAM KIF TRID HI**?: **IVA – LE**

6. **Rumani 15:30** – **"***Inħeġġiġkom, ħuti,…bl-**<u>IMĦABBA</u> ta' l-ISPIRTU S-SANTU.***"**

- Temmen int li l-Ispirtu s-Santu għandu L-IMĦABBA?
- Dan il-vers hekk igħid: **IVA – LE**
- Temmen int li sempliċiment "qawwa" jista' jkollha L-IMĦABBA? – **IVA – LE**
- **Jew li PERSUNA tista' TĦOBB? – IVA – LE**

6. **2 Korintin 13:14 – "<u>IS-SĦUBIJA</u> ta' l-Ispirtu"**

- Temmen int li l-Ispirtu s-Santu jista' jkun **IMSIEĦEB**?
- Dan il-vers hekk igħid: **IVA – LE**
- Temmen int li xi ħadd jista' JISSIEĦEB ma' sempliċiment "qawwa"? – **IVA – LE**

6. **Efesin 4:30 (Isaija 63:10)** – "U la **<u>TNIKKTUX</u> lill-ISPIRTU S-SANTU"**
   - Temmen int li l-Ispirtu s-Santu jista' jkun IMNIKKET?
   - Dan il-vers hekk igħid: **IVA** – **LE**
   - Temmen int li sempliċiment "qawwa" tista' tkun IMNIKKTA? – **IVA** – **LE**

6. **Mattew 12:31** – **"<u>DAGĦWA</u> kontra L-ISPIRTU S-SANTU."**
   - Temmen int li l-Ispirtu s-Santu jista' jkun OFFIŻ?
   - Dan il-vers hekk igħid: **IVA** – **LE**
   - Temmen int li sempliċiment "qawwa" tista' tkun OFFENDUTA? – **IVA** – **LE**

6. **Lhud 10:29** – "U jagħmel **<u>GĦAJB</u> lill-Ispirtu tal-grazzja."**
   - Temmen int li xi ħadd jista' jagħmel **<u>GĦAJB</u>** lill-**Ispirtu s-Santu**?
   - Dan il-vers hekk igħid: **IVA** – **LE**
   - Temmen int li dan jista' jsir lil sempliċiment "qawwa" – **IVA** – **LE**

6. **Atti 5:3** – **"**Int **<u>GDIBT</u>** lill-**ISPIRTU S-SANTU."**
   - Temmen int li tista' TIGDEB lill-**ISPIRTU S-SANTU**?
   - Dan il-vers hekk igħid: **IVA** – **LE**
   - Temmen int li sempliċiment "qawwa" tista' TIGDBILHA? – **IVA** – **LE**

6. **Atti 7:51** – **"**Ja nies…intom dejjem <u>IŻŻOMMU IEBES</u> lill-ISPIRTU S-SANTU."
   - Temmen int li tista' **<u>ŻŻOMMU IEBES</u>** lill-ISPIRTU S-SANTU?
   - Dan il-vers hekk igħid: **IVA** – **LE**
   - Temmen int li sempliċiment "qawwa" tista' ŻŻOMMILHA **IE-BES**? – **IVA** – **LE**

**L-ISPIRTU S-SANTU HU PERSUNA li <u>tagħmel</u> affarijiet:**

0. **Ġwanni 15:26** – "**<u>HU JIXHED</u>** Għalija."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TIXHED? – **IVA** – **LE**

0. **Ġwanni 16:8** – "Hu **<u>JURI</u>** lid-dinja għandha ħtija."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TURI? – **IVA** – **LE**

0. **Ġwanni 16:13** – "Dak kollu li **<u>JISMA' dak Hu JGĦID</u>**."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TISMA' U TGĦID? – **IVA** – **LE**

0. **Ġwanni 16:13** – "**<u>Hu JMEXXIKOM</u>** Jiggwidakom)"

- Temmen int li **Persuna** biss tista' TIGGWIDA? – **IVA – LE**

0. **Ġwanni 16:14** – "**Hu JIGGLORIFIKA**NI."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TIGGLORIFIKA? – **IVA – LE**
0. **Atti 13:2, 4** – "… QAL L-ISPIRTU S-SANTU: IFIRDULI 'l Barnaba u 'l Sawl għax-xogħol li għalih SEJJAĦTILHOM. Għalhekk huma, billi kienu **MIBGĦUTIN** mill-ISPIRTU S-SANTU."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TGĦID IFIRDLULI, SEJJAĦTILHOM, TIBGĦAT LIL XI ĦADD? – **IVA – LE**
0. **Atti 15:28** – "Għax **lill-ISPIRTU S-SANTU u lilna DEHRILNA** SEWWA li m'għandniex …"
   - Temmen int li **Persuna** biss jista' JIDHRILHA SEWWA dwar xi ħaġa? – **IVA – LE**
0. **Atti 16:6** – "u **NŻAMMU** mill-ISPIRTU S-SANTU."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' ŻŻOMM lil xi ħadd milli jxandar? – **IVA – LE**
0. **Rumani 8:14** – "li huma **MMEXXIJIN** mill-ISPIRTU ta' Alla."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TMEXXI lil xi ħadd? – **IVA – LE**
0. **Rumani 8:16** – "L-ISPIRTU **NNIFSU JIXHED**."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TIXHED? – **IVA – LE**
0. **Rumani 8:26** – "Hekk ukoll L-ISPIRTU **JGĦIN** id-dgħufijiet tagħna."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TGĦINNA? – **IVA – LE**
0. **Rumani 8:26** – "L-ISPIRTU **JITLOB U JIDĦOL** għalina."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TITLOB U TIDĦOL GĦALINA? – **IVA – LE**
0. **1 Korintin 2:10** – "Għax l-ISPIRTU **JFITTEX** il-ħwejjeġ kollha."
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' **TFITTEX** il-ħwejjeġ KOLLHA? – **IVA – LE**
0. **1 Korintin 2:13** – "**Kliem**…li **JGĦALLEM** L-ISPIRTU."
   - Temmen int li **Persuna** biss għandha KLIEM U TGĦALLEM? – **IVA – LE**
0. **1 Korintin 12:11** – "L-ISPIRTU **JQASSAM** lil kull wieħed kif IRID."
   - Temmen int li **Persuna** biss għandha l-kapaċità li tista' TQASSAM KIF TRID? – **IVA – LE**
0. **1 Timotju 4:1** – "L-ISPIRTU **JGĦIDHA ĊAR**."

- Temmen int li **Persuna** biss tista' **TGĦID** Ċ**AR**? – **IVA** – **LE**

0. **Lhud 3:7** – "*Għalhekk, kif **JGĦID l-Ispirtu s-Santu**: "Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom…*"
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TGĦID? – **IVA** – **LE**

0. **1 Pietru 1:2** – "***MAGĦŻULIN*** *minn qabel **bl-Ispirtu s-Santu** biex joqogħdu għall-kelma ta' Ġesù Kristu u jkunu mraxxin b'demmu. Lilkom grazzja u sliem bil-kotra.*"
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TGĦAŻEL? – **IVA** – **LE**

0. **1 Pietru 1:20-21** – "*…imma nies qaddisa, MQANQLIN **mill-Ispirtu s-Santu**, tkellmu.*"
   - Temmen int li **Persuna** biss tista' TQANQAL lil xi ħadd? – **IVA** – **LE**

0. **Rivelazzjoni 22:12** – **"U L-ISPIRTU U L-GĦARUSA** JGĦIDU**."**
   - Temmen int li Persuna biss tista' TGĦID**?** – **IVA** – **LE**

## Jekk l-Ispirtu s-Santu huwa sempliċiment qawwa, Mela…

11. Għaliex Hu msejjaħ **Alla** (Atti 5:3-5)?
11. Għaliex Hu għandu **isem** (Mattew 28:19)?
11. Kif inhu li Hu jista' **jgħallem** (Ġwanni 14:26)?
11. Kif jista' jkun li wieħed jista' **jidgħi kontra Tiegħu** (Mattew 12:31, 32)?
11. Kif jista' Hu jkun Dak li **jfarraġ** (Atti 9:31)?
11. Kif inhu possibbli Għalih li **jitkellem** (Ġwanni 16:13; Atti 8:29; 10:19; 13:2; 28:25; 1 Timotju 4:1)?
11. Kif, mela, jista' li xi ħadd **jieqaflu** (Atti 7:51)?
11. Kif Hu jista' jkun **imnikket** (Efesin 4:30)?
11. Kif Hu jista' **jgħinna** fid-dugħfijiet tagħna (Rumani 8:26)?
11. Kif Hu jista' jkollu **fehma** (Rumani 8:27)?
11. Kif Hu jista' **jħobb** (Rumani 15:30)?
11. Kif Hu jista' **jaħtaf** lil xi ħadd (Atti 8:39)?
11. Kif Hu jista' **jgħallem** (Ġwanni 14:26)?
11. Kif Hu jista' **jfakkar** (Ġwanni 14:26)?
11. Kif Hu jista' **jiggwida** (Ġwanni 16:13)?
11. Kif Hu jista' **jiddikjara** (Ġwanni 16:13)?

11. Kif Hu jista' **jisma'** (Ġwanni 16:13)?
11. Kif Hu jista' **jigglorifika** lil Kristu (Ġwanni 16: 13)?
11. Kif Hu jista' **jirċievi** (Ġwanni 16:14, 15)?
11. Kif Hu jista' jkun **Avukat Difensur** (Ġwanni 14: 16; 16:7)?
11. Kif jista' Hu **jagħti** lil ħaddieħor li jitkellem (Atti 2:4)?
11. Kif Hu jista' **jagħti** d-don Tiegħu (Atti 2:38)?
11. Kif tista' **tigdeb kontrih** (Atti 5:3)?
11. Kif Hu jista' **jżomm** (Atti 16:6)?
11. Kif Hu jista' **jfittex** (1 Korintin 2:10)?
11. Kif Hu jista' jkun **jaf** (1 Korintin 2:11)?
11. Kif Hu jista' jqassam kif irid (1 Korintin 12:11)?
11. Kif Hu jista' **jagħti** l-barka Tiegħu flimkien ma' Ġesù u l-Missier (2 Korintin 13:14)?

Hawn taħt għandna prova oħra kontra t-tagħlim żbaljat u falz li l-Ispirtu s-Santu mhuwiex Alla imma Hu sempliċiment qawwa:

**L-Ismijiet Tiegħu:**

2. Alla – Atti 5:3-4
2. Mulej – 2 Korintin 3:18
2. Spirtu – 1 Korintin 2:10
2. Spirtu ta' Alla – 1 Korintin 3:16
2. Spirtu tal-Verità – Ġwanni 14:17; 15:26
2. Avukat (Difensur) – Ġwanni 14:16; 15:26
2. Spirtu Etern – Lhud 9:14

**L-Attributi Tiegħu:**

6. Etern – Lhud 9:14
6. Omnipotenti – Luqa 1:35
6. Omnipreżenti – Salm 139:7-10
6. Għandu r-Rieda – 1 Korintin 12:11
6. Iħobb – Rumani 15:30
6. Jitkellem – Atti 13:2

**Simboli Ta':**

3. Ħamiema – Mattew 3:16
3. Riħ – Ġwanni 3:8
3. Nar – Atti 2:3

**Dnubiet Kontra:**

3. Tidgħi – Mattew 12:31

3. Tirreżisti (Nuqqas ta' twemmin) – Atti 7:51
3. Tinsulta – Lhud 10:29
3. Tigdeb Lilu – Atti 5:3
3. Tnikket – Efesin 4:30
3. Tberred – 1 Tessalonikin 5:19

**Qawwa fil-Ħajja Ta' Kristu:**

10. Ikkonċeputa minn – Mattew 1:18, 20
10. Magħmudija – Mattew 3:16
10. Meħud minn – Luqa 4:1
10. Mimli bil-Qawwa – Luqa 4:14, 18
10. Xhud Ta' Ġesù – Ġwanni 15:26
10. Qajjem lil Ġesù – Rumani 8:11

## L-OPRI TA' L-ISPIRTU S-SANTU

12. Aċċes għal għand Alla – Efesin 2:18
12. Jidlek għas-Servizz – Luqa 4:18
12. Jassigura – Rumani 8:15, 16; Galatin 4:6
12. Awtur ta' l-Iskrittura – 2 Pietru 1:20-21
12. Jgħammed – Ġwanni 1:32-34; 1 Kor. 12:13-14
12. Emmiena Mwielda Mill- – Ġwanni 3:3-6
12. Isejjaħ u Jikkummissjona – Atti 13:24; 20:28
12. Inaddaf – 2 Tessalonikin 2:13; 1 Pietru 1:2
12. Juri l-ħtija tad-dnub – Ġwanni 16:9, 14
12. Joħloq – Ġenesi 1:2; Ġob 33:4
12. Jagħti s-setgħa – 1 Tessalonikin 1:5
12. Jimla – Atti 2:4; 4:29-31; 5:18-20
12. Jagħti d-doni – 1 Korintin 12:8-11
12. Jigglorifika lil Kristu – Ġwanni 16:14
12. Jiggwida fil-verità – Ġwanni 16:13
12. Jgħin id-dgħufijiet tagħna – Rumani 8:26
12. Jispira t-talb – Efesin 6:18; Ġuda 20
12. Jinterċiedi – Rumani 8:26
12. Jinterpreta l-Iskrittura – 1 Pietru 1:20-21
12. Imexxi – Rumani 8:14
12. Jeħles – Rumani 8:2
12. Jifforma l-Karattru – Galatin 5:22-23
12. Jipproduċi l-frott – Galatin 5:22-23
12. Jagħti l-Qawwa lil l-Emmiena – Luqa 24:49
12. Iqajjem mill-mewt – Rumani 8:11
12. Iġedded – Titu 3:5
12. Iqaddes – Rumani 15:16

12. Jissiġilla – Efesin 1:13-14; 4:30
12. Isaħħaħ – Efesin 3:16; Atti 1:8; 2:4; 1 Kor. 2:4
12. Jgħallem – Ġwanni 14:26
12. Jixhed għal Ġesù – Ġwanni 15:26
12. Rebħa fuq il-ġisem – Rumani 8:2-4; Galatin 4:6

Issa li sirt taf dan kollu, lest int, għandek int il-kuraġġ li twarrab it-tagħlim żbaljat kollu tal-bnedmin u taċċetta biss dak li tgħid il-Kelma ta' Alla dwar **IT-TLIET PERSUNI TAD-DIVINITÀ?**

> "*Tħallu 'l ħadd minn iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza.*" (Efesin 5:6).

Trid int li jkollok "għadab t'Alla" fuqek billi tkompli tobdi lill-bnedmin u mhux dak li tgħid il-Kelma ta' Alla?

Ikun xieraq li ngħalaq dan l-istudju bil-barka li fiha t-tliet Persuna tad-Divinità huma msemmija:

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 13:13, 14).

Nittama li min jaqra dawn l-Iskritturi jasal biex jagħraf il-verità u jgħid minn qalbu lill-Mulej, **INT:**

**"IL-MULEJ TIEGĦI U L-ALLA TIEGĦI."**